MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 366/2009

**Paul Camilleri f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Paul Camilleri & Associates**

**Vs**

**Is-sindku u segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Swieqi in rapprezentanza ta' l-istess**

Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' tlieta u ghoxrin elf u sebgha u tletin ewro u hamsin centezmu (23,037.50), dritt ghal servizz professjonali li ta bhala perit fir-rigward tal-progett fi Triq G. Bessiera, Triq it-Terz, Triq il-Qantar u Triq il-Keffa, Swieqi flimkien ma' spejjez li ghamel fuq talba tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi.

Din is-sentenza titratta l-ewwel eccezzjoni li taqra:-

*“2. Preliminarjament il-kunsill konvenut ma ghandux jitqies bhala l-legittimu kontradittur fil-konfront tat-talba attrici u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in vista tal-fatt li l-Perit attur kien inghata l-inkarigu mis-sidien privati ta l-art fejn kien qed jigi ppjanat l-izvilupp in kwistjoni....*

*3. Illi difatti kien gie miftiehem li l-ispejjes peritali in konnessjoni mal-applikazzjoni u hrug tal-permessi relattivi u kif ukoll kwalunkwe spejjes li talvolta kienu ser jigu nkorsi relatati mal-istess permessi, kellhom jigu sopportati mill-istess sidien privati u mhux mill-Kunsill konvenut u in vista ta dan ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti fil-konfront tal-kunsill konvenut.”*.

Mill-provi li tressqu l-qorti hi sodisfatta li l-attur ta prova li l-inkarigu biex ihejji l-pjanti ghall-progett kien inghata lilu mill-Kunsill Lokali tas-Swieqi. L-attur spjega kif kien inghata l-inkarigu mis-sindku ta’ dak iz-zmien, Paul Abela, sabiex ihejji l-pjanti relatati mal-progett.

Jirrizulta li l-hlas li qieghed jitlob il-perit Camilleri kien jirreferi ghal xoghol li sar sa Settembru 2003, meta baghat kont lill-Kunsill. Xoghol li kien jirrelata ghall-progett ta’ zvilupp ta’ art li parti minnha kienet tal-Gvern u parti ohra kienet tal-privat.

Fil-minuti tal-laqgha tal-Kunsill Lokali tad-19 ta’ Mejju 2005 jinghad:-

*“Gew esebiti pjanti ta’ kif qed jigi propost dan il-progett. Dawn il-pjanti saru mill-Perit Camilleri.* ***Dan il-Perit kien tqabbad mill-Kunsill precedenti.*** *Is-Sindku nforma li tax-xogholijiet ta’ pjanti li saru s’issa il-Perit diga’ baghat kont li jammonta ghall-9,000.00.*

*Is-sur Bertu Caruana irrimarka li hu jaf lil Perit Camilleri u jaf li dan huwa Perit ta’ l-affari tieghu. Hu ppropona li dan ghandu jibqa’ il-Perit inkarigat minn dan il-progett. Dwar l-*

*ispejjes ta' pjanti is-sur Caruana issuggerixxa li dawn ghandhom jinqassmu bejn is-sidien ta' l-art skond il-proporzjon ta' l-art taghhom. Kulhadd qabel ma' din il-proposta."* (enfazi tal-qorti).

Dokument prezentat minn Alfred Curmi, sindku tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi, meta xehed fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2010. Fil-fehma tal-qorti:-

1. Dan id-dokument jikkonferma l-verzjoni tal-attur, cjoe' li r-relazzjoni guridika hi bejnu u l-Kunsill Lokali. Fil-minuta jinghad car u tond li l-perit Camilleri kien ***"tqabbad mill-Kunsill precedenti."***. Hu minnu li f'minuta ta' laqgha tal-Kunsill li saret fis-26 ta' Lulju 2000 jinghad:- *"Is-Sindku P. Abela nforma li kellu laqgha mas-Segretarju Parlamentari G. Pullicino dwar l-art fi Triq il-Keffa. Huwa kompla nforma li s-sidien ta' din l-art inkarigaw lill-Perit Paul Camilleri sabiex jiehu hsieb dan il-progett. Dwar din l-art dan il-Perit ghandu jhejji pjanta ta' l-izvilupp, li parti minnu se jkun ghal community use, biex tigi approvata mill-Kunsill."*. Madankollu:-

(a) Bhala xhieda ma tressqu l-ebda sidien ta' artijiet li kkonfermaw li kienu nkarigaw lill-perit Paul Camilleri sabiex ihejji l-pjanti u jaghmel stima tal-ispiza.

(b) Kien biss f'Marzu 2005 li l-Kunsill Lokali nghata d-dettalji ta' min kienu s-sidien[1].

(c) Ma jirrizultax li fil-laqgha tas-26 ta' Lulju 2000 kienu prezenti s-sidien, kif wara kollox kienu fil-laqgha tad-19 ta' Mejju 2005. Anzi fil-laqgha li ghaliha kienu prezenti s-sidien (19 ta' Mejju 2005) ma giex dikjarat li l-attur kien gie nkarigat mis-sidien, izda mill-Kunsill.

(d) Ma tressqitx prova li meta f'Settembru 2003 l-attur baghat il-kont, il-Kunsill kitiblu lura li ma kenitx tezisti relazzjoni guridika bejniethom. Anzi fil-minuta tal-laqgha tad-19 ta' Mejju 2005 dawk prezenti gew infurmati mis-sindku li l-attur kien baghat kont ta' Lm9,000 u f'dik il-laqgha sar qbil li l-ispejjez jinqasmu bejn is-sidien. Mill-atti jirrizulta wkoll li kien biss wara l-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru 2006 li l-Kunsill beda jsostni li ma kienx il-legittimu kontradittur.

---

[1] Ara ittra datata 7 ta' Marzu 2005 a fol. 64.

(e) Bartolomeo Caruana, wiehed mis-sidien, prodott mill-Kunsill xehed: *"Kien hemm il-perit Paul Camilleri, li kien qieghed fil-progett qabel ma dhalna ahna fix-xena. Jien kont qed nifhem li l-understanding kien li l-perit kien inkarigat mill-Kunsill Lokali biex ihejji l-pjanti. Fil-fatt meta dhalt fix-xena jien, il-pjanti kienu lesti. Jien qatt ma kelli laqgha mal-Perit Camilleri. Ovvjament jekk kienet issir xi laqgha fil-Kunsill, il-Perit kien jattendi. Zgur li mhux jien kont li inkarigajtu."*[2]. Sahansitra, qal ukoll *"Dwar il-minuta tal-laqgha tas-26/07/2000, ma naf b'xejn, ghax sa dak iz-zmien jien zgur kont ghadni ma naf b'xejn dwar dal-progett."*.

(f) Il-Kunsill kellu nteress li jitwettaq dan il-progett. Skond ma xehed Hugh Zammit, segretarju, *"....kienet tinhass il-htiega li jikber il-kunsill minhabba li fejn ahna huwa ckejken wisq. Allura din l-art minhabba li l-Gvern ghandu porzjon minnha, kien hemm il-hsieb illi jinbnew l-ufficini amministrattivi tal-kunsill. Saru laqghat dwarha."*[3]. Dan ifisser li l-Kunsill kellu interess dirett fil-progett propost. Ghalhekk m'huwiex verosimili li l-Kunsill ma ta l-ebda inkarigu lill-attur.

2. Ghalkemm fil-laqgha tad-19 ta' Mejju 2005 jinghad li s-sidien, li kienu prezenti ghal-laqgha, kienu qeghdin jaqblu li l-attur jigi nkarigat ghall-progett u li l-ispejjez jinqasmu bejn is-sidien tal-art skond il-proporzjon ta' art, dan ma jfissirx li b'daqshekk inholqot relazzjoni guridika bejn il-perit Camilleri u s-sidien. Dan iktar u iktar meta tqies li ma jirrizultax li l-attur kien prezenti ghal-laqgha. Wiehed irid jiftakar ukoll li fl-24 ta' Novembru 2004 l-attur kien diga' baghat ittra ufficjali lill-Kunsill Lokali u nterpllah sabiex ihallsu ghas-servizzi li tah.

3. Il-fatt li l-perit Camilleri seta' kien prezenti ghal xi laqgha jew laqghat li ghaliha kienu prezenti xi sidien tal-art fejn kellu jsir il-progett, ma jfissirx li b'daqshekk kien accetta li dak li kien dovut lilu sa dakinhar kellu jithallas mis-sidien tal-art fi proporzjon tal-art li ghandhom.

---

[2] Fol. 88.
[3] Fol. 55.

Meqjusa dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti hi tal-fehma li l-ewwel eccezzjoni hi bla bazi.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill Lokali u tordna l-prosegwiment tal-kawza. Spejjez a karigu tal-konvenut**.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------